MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Numru 609/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Versus**

**Emanuel Attard**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni kontra Emanuel Attard ta’ 54 sne mwieled 25 ta’ Frar 1955 fis-Siġġiewi bin Carmel u Carmela nee Vassallo u residenti f’no 23 Gioia Triq l-Andar Attard detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 158555 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar is-6 ta’ Mejju 2006 fil-Mosta f’xi ħin bejn l-erbgħa u s-sebgħa ta’ fil-għaxija ikkaġuna ġireħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Daniela Xuereb skond ma ċċeritifika Dr.V.Ceci MD Reg No 1979 u Dr.Kenneth Spiteri

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 1585 tal-1955, iċ-ċertifikat ta' Dr.Victor Ceci (fol3), il-current incident report (fol.5), iċ-ċertifikat ta' Dr.Kenneth Spiteri (fol.8), l-istqarrija magħmula mill-imputat (fol.10), id-dikjarazzjoni magħmula minn Daniela Xuereb li hija kienet qed tirrinunzja għal dak kollu li hu rinunzjabbli skond il-Liġi (fol.12), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji u l-fedina penali tal-imputat.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li kellu jieħu somma flus minn għand Daniela Xuereb u kien mar għalihom. Din tatu ħames biljetti tal-għaxar liri u hu qattagħhom għax ma kienx l-ammont kollu. Huwa ried il-kumplament filgħaxija. Huwa nnega li kien refa' jdejh fuqha.

6. Dr.Victor Ceci xehed li kienet marret għandu ċerta Daniela Xuereb li qalet li kienet intlaqtet fuq wiċċha. (Ara ċertifikat a fol.3 datat 6 ta' Mejju 2006) Hija kellha nefħa fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċha. Fuq barra ma kien jidher xejn iżda meta eżamina l-ħalq minn ġewwa sab frattura tas-second molar. Dan kien kompatibbli ma' injury reċenti li setgħet saret fuq il-wiċċ b'daqqa anke ta' ponn. (Fol.18). Dan ix-xhud stqarr li ma jaħsibx li kien xi riżultat ta' tooth decay.

7. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li seta' kien hemm possibilita' oħra ta' kif saret l-injury. Setgħet waqgħet u ħabtet wiċċha. Huwa kklasifika l-ferita bħala waħda gravi għaliex tista' twassal għall-kumplikazzjonijiet fil-ħalq. Hu ma kienx jaf jekk wasslitx għal dawn il-kumplikazzjonijiet.

8. L-istess xhud qal ukoll li s-sinna setgħet tfieq u li mhux bilfors kienet tinqala'.

9. Xehdet Daniela Xuereb li qalet li l-imputat kien ta daqqa ta’ ponn fuq in-naħa tal-lemin ta’ wiċċha. L-imputat kien talabha xi flus. Hi tathomlu u qattagħhom. Hi kienet marret għand Dr.Ceci wara li ħasset brix fuq ilsienha. Imbagħad ma ġara ebda inċident ieħor.

10. Fil-kontro-eżami nnegat li kienet għamlet xi theddid lill-imputat. Hi qalet li ma kellhiex marki fuq wiċċha jew, jekk kellha, kellha bruising minimu. Hija qatt ma kellha problema bi snienha. Hija ċaħdet li kienet ċemplet lill-counsellor tal-imputat biex tistaqsi għadux miżżewweġ. (Fol.25)

11. Xehed id-dentist Kenneth Spiteri li eżamina lil Daniela Xuereb fit-8 ta’ Mejju 2006 għax kellha fracture ta’ darsa molar u kienet ftit muġugħa. Kien hemm fracture tal-enamel li hija ‘a small fracture of the tooth.’ Fuq wiċċha kellha ‘slight bruising’. Mill-X-ray kien jidher li ma kienx hemm fratturi oħrajn. Huwa qal li l-frattura setgħet tkun riżultat ta’ ‘oclusent trauma’ jiġifieri meta s-snien jiġu ma’ xulxin. Jista’ jkun li saret b’daqqa jew kielet xi għadma ta’ żebbuġa u kissret sinna. ‘It was a very minor fracture of the tooth.’ Il-ksur tas-snien jista’ jkun ir-riżultat tat-theżżiż tas-snien. Kien diffiċli għalih jgħid minn fejn ġiet. Mir-records tiegħu ma kienx jidher li Daniela Xuereb kellha xi problemi bi snienha.

12. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kien hemm ebda mod li seta’ jispeċifika li dik is-sinna nkisret b’xi ħaġa jew b’xi ħaġa oħra.

13. PS 698 Sean Tabone ikkonferma bil-ġurament il-current incident report.

**Xhieda Difiża**

14. Xehed l-imputat li qal li ma kienx refa’ jdejh fuq Daniela Xuereb. Dan qalu għal darba, darbtejn.

15. Xehdet ukoll il-psikologa Christianne Sullivan. Hija qalet li Daniela Xuereb kienet ċemplitilha u staqsietha fuq is-sur Attard. Hija ma kenitx irrispondietha.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

16. L-ewwel konsiderazzjoni hija dwar in-natura tal-ferita li allegatament sofriet il-vittma. Skond id-dentist l-allegata vittma kellha 'a slight fracture of the tooth'. Minbarra, jekk kien hemm, kien hemm slight bruising biss.

17. L-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji u għalhekk ma setgħetx il-piena taqbeż l-erba' snin. Għalhekk, mill-evidenza li kellu quddiemu, il-piena l-aktar li setgħet twassal kienet waħda taħt l-artikolu 216.

18. Il-Qorti eżaminat l-artikolu 216(1)(a)(b)(c)(d) (e) u 216(2) kollha u mill-provi prodotti ma jidhirx li xi wieħed mill-paragrafi jew mis-subiniċiżi tal-ewwel paragrafu japplika għal dan il-każ. Ma kienx hemm provi li l-offiża ta'

(a) setgħet ġġib periklu tal-ħajja jew li ser ikun hemm xi debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi partital-ġisem; jew xi difett permanenti f' xi parti tal-għamla tal-ġisem; jew ta' xi marda permanent ital-moħħ;

(b) jew li ġabet mankament jew sfreġju fil-wiċċ, l-għonq jew xi waħda mill-idejn tal-persuna allegatament feruta;

(ċ) jew kienet magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mil-kavitajiet tal-ġisem;

(d) jew jekk iġġib mard tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed , inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;

(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġegħilha teħles qabel iż-żmien.

'A slight fracturing of the tooth' u forsi xi external bruising – li lanqas hemm qbil ċar fuqu – ma jwassal għall-ebda waħda mill-offiżi kkontemplati fl-artikolu ċitat.

19. Isegwi li żgur ma japplikax l-artikolu 218 għaliex dan huwa bil-bosta aktar serju mill-artikolu 216. Li kieku kien il-każ l-Avukat Ġenerali ma kienx jagħti l-kunsens għal proċedura sommarja.

20. Ma japplikawx ukoll l-artikolu 219 u 220.

21. Jibqa' biss għalhekk l-artikolu 221 li huwa dwar 'Offiża ħafifa fuq il-persuna' . Minn dan l-artikolu, is-subartikolu li japplika huwa s-subartikolu 3(b).

22. Iżda s-subinċiż (4) tal-istess artikolu jipprovdi hekk:

'Ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża f'każi li jaqgħu taħt is-subinċiż (1) u (3)'.

**23. Fil-każ in eżami l-kwerelanti rtirat il-kwerela tagħha kif jidher mill-proċess. Għalhekk il-proċeduri setgħu waqfu ġaladarba l-offiża kienet waħda ħafifa u l-allegata vittma rtirat il-kwerela.**

24. Iżda l-Qorti qed tinvesti l-mertu xorta waħda. L-imputat innega kemm fl-istqarrija kif ukoll minn fuq il-pedana tax-xhieda li hu kien refa' jdejh fuq l-allegata vittma. L-allegata vittma rrapurtat x'kien ġralha lill-Pulizija u marret ukoll għand it-tabib u d-dentist tagħha. Hija sostniet li kienet qalgħet id-daqqa minn għand l-imputat

25. Jista' jkun hemm suspett qawwi li l-imputat tassew ta daqqa ta' ponn lill-allegata vittma iżda l-Qorti qieset dawn il-punti segwenti:

(a) Mix-xhieda tad-dentist dwar x'setgħet kienet il-kawża ma joħroġx ċar li l-kawża tat-tixlif tas-sinna kienet id-daqqa ta' ponn;

(b) Il-kredibilita' tal-allegata vittma xxelfet minħabba li fil-kontro-eżami nnegat li kienet qalet ċerti kliem lill-psikologa meta fil-fatt din tal-aħħar xehdet li kienet qalitu.

26. Għalhekk jibqa' dak il-lurking doubt dwar il-ħtija tal-imputat.

**Konklużjoni.**

26. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(ċ)(d)(e) u 221(3)(b) tal-Kap 9, fid-dawl ta' dak li jidher fil-paragrafu 23 u 26 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------